DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET
IL-MALL, TRIQ SARRIA, IL-FURJANA, MALTA

# Eżami għall-Pożizzjoni ta' Uffiċjali Korrettivi fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi

**Suġġett:** **IL-MALTI**

**Data:**

**Ħin:** **10.00 – 11.30 am (Siegħa u nofs)**

***KARTA MUDELL***

**Struzzjonijiet ġenerali: Din il-karta tal-eżami fiha ŻEWĠ taqsimiet, Taqsima A u Taqsima B. Il-kandidati jridu jwieġbu ż-ŻEWĠ taqsimiet u għandhom jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. Il-marki għal kull mistoqsija jidhru bejn il-parenteżi.**

## Taqsima A

**Aqra s-silta sew li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

**Ir-Rutina ta' Kuljum**

Il-priġunieri jridu jsegwu r-rutina stabbilita matul kull ġurnata tal-ġimgħa, inklużi s-sigħat assenjati għax-xogħol, l-ikliet, l-istudju, l-eżerċizzju u r-rikreazzjoni. L-orarju jagħmel distinzjoni bejn il-ġranet ta' xogħol tal-Faċilità, Ħdud, Festi Pubbliċi u ġranet u sigħat oħra li matulhom ma jsirx xogħol fil-Faċilità. Il-*fall-in*, li għaliha jrid ikun preżenti kull priġunier, issir 5 darbiet kuljum. Priġunier li ma jkunx preżenti matul il-*fall-in* ta' filgħodu, jibqa' msakkar sal-*fall-in* ta' wara. Il-*fall-in* issir kif ġej: fis-7:45, fin-12:30, fis-14:00, fil-17:00 u fit-20:25. Sat-20:30, il-priġunieri kollha għandhom ikun maqfulin.

F'nofsinhar nieqes kwart (11:45), il-priġunieri kollha għandhom jieqfu minn dak kollu li jkunu qegħdin jagħmlu u jirritornaw lejn id-Diviżjoni rispettiva tagħhom għall-ikla ta' nofsinhar, sakemm ma jkunux awtorizzati mod ieħor mid-Direttur.

Dawk il-priġunieri li jkunu ġejjin lura mill-isptar, mill-qorti jew minn xi appuntament ieħor barra l-Faċilità wara n-nofsiegħa (12:30), għandhom jieħdu l-ikla ta' nofsinhar tagħhom, jidħlu fiċ-ċella rispettiva tagħhom u jibqgħu fiċ-ċella tagħhom sas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14:00).

L-ebda priġunier ma jista' jidħol fiċ-ċella ta' priġunier ieħor jew jaqsam minn Diviżjoni għal oħra.

L-ebda priġunier ma jista' jilgħab għall-flus, jilgħab logħob tal-karti jew logħob ieħor mhux awtorizzat.

Sabiex jara t-tabib, priġunier għandu jistaqsi lill-Uffiċjal Korrettiv fid-Diviżjoni tiegħu biex jagħmel appuntament filgħodu u jibqa' fiċ-ċella min-12:30 sakemm jarah it-tabib. Dan japplika wkoll għal dawk il-priġunieri li jaħdmu u li daħlu ġodda, kemm jekk sentenzjati jew qegħdin jistennew proċess quddiem qorti kriminali.

L-ebda priġunier m'għandu jbiegħ jew jittrasferixxi xi oggett ipprojbit jew personali lil xi priġunier jew individwu ieħor fi ħdan il-Facilità.

**Mistoqsijiet:**

*Għall-mistoqsijiet 1 sa 5 immarka t-tweġiba t-tajba:*

1) L-orarju jagħmel distinzjoni bejn il-ġranet ta' xogħol tal-Faċilità, Ħdud u Festi Pubbliċi tfisser li:
   a) Kull ġurnata l-ħabs hija mqassma bħall-oħra.
   b) Hemm ġranet fejn l-orarju hu differenti skont il-ġurnata.
   c) Fil-Ħdud jista' jsir biss studju, ezerċizzju u rikreazzjoni.
   d) Fil- Festi Pubbliċi ma jsir xejn rigward xogħol (5 marki)

2) Priġunier li ma jkunx preżenti matul il-*fall-in* ta' filgħodu
   a) Jibqa' msakkar sa filgħaxija
   b) Jibqa' msakkar san-nofsiegħa
   c) Jibqa' msakkar sas-sagħtejn ta' wara nofsinhar
   d) Jibqa' msakkar sal-għada (5 marki)

3) Il-priġunieri kollha jiġu msakkrin bejn
   a) Is-sagħtejn u l-ħamsa ta' wara nofsinhar
   b) In-nofs siegħa u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar
   c) Il-ħamsa u t-tmienja u nofs ta' filgħaxija
   d) Nofsinhar nieqes kwart u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (5 marki)

4) Min jista' jawtorizza lill-priġunier biex ma jirritornax lura fid-Diviżjoni f'11:45?
   a) Il-gwardjan
   b) Id-Direttur
   c) It-tabib
   d) M'hemmx il- bżonn ta' awtorizzazjoni (5 marki)

5) Biex jara tabib, priġunier irid
   a) Jikteb ittra lid-Direttur
   b) Jikteb ittra lit-Tabib tal-Ħabs
   c) Jistaqsi lill-Ufficjal Korrettiv biex jagħmillu appuntament.
   d) Joqod fiċ-ċella jistenna lit-tabib jaghmel ir-rondi (5 marki)

6) Semmi **ŻEWĠ** postijiet fejn priġunieri jistgħu jittieħdu barra l-Faċilità. (4 marki)

7) Semmi **ŻEWĠ** postijiet fejn priġunier ma jistax imur fil-Ħabs. (4 marki)

8) Semmi **TLIET** affarjiet li priġunier ma jistax jagħmel fil-Ħabs. (6 marki)

9) Spjega kif isir appuntament mat-Tabib tal-Ħabs. (6 marki)

10) Spjega għaliex priġunier ma jistax ibiegħ affarjiet personali lil priġunieri oħra. (5 marki)

## Taqsima B

**Agħżel WIEĦED minn dawn li ġejjin. Din it-Taqsima fiha 50 marka.**

1. Il-Ħadd li għadda, bħal kull nhar ta' Ħadd, mort tixtri l-gazzetta. Waqt li kont sejjer lura d-dar smajt brejk qawwi ta' karozza. Mad-daqqa u l-ħin rajt tifla ta' xi 9 snin tittajjar minn fuq *zebra crossing*. Kien inċident ikreh. F'madwar **350 kelma** spjega u ddeskrivi x'ġara wara.

2. Ħrigt is-Sibt filgħaxija. Kellek kartiera ġdida u għal qalbek miegħek. Però f'xi ħin tinduna li din il-kartiera m'għadhiex fil-but tiegħek. Tfittex kemm tfittex ma ssibhix. F'madwar **350 kelma**, iddeskrivi din il-kartiera u l-passi tiegħek f'rapport ta' oġġetti mitlufa għall-Pulizija.

**Total: 100 marka**